IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2014
COM(2014) 130 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESSI

għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv

Anness I: Stadji ewlenin taħt is-Semestru Ewropew



Glossarju: **SAT**: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir – **RMT**: Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija – **RSP**: Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi – **PDE**: Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv – **AD**: Analiżi Dettaljata

Il-Kummissjoni Ewropea

Anness II: Ħarsa ġenerali tal-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020

Sfond:

Għal kull waħda mill-miri tal-Ewropa 2020, dan l-Anness jirrieżamina:

- Il-progress li sar sa issa fil-livell tal-UE u jagħti x-xenarji possibbli sal-2020.
- L-aktar dejta reċenti disponibbli dwar il-prestazzjonijiet fuq il-livell nazzjonali u l-miri nazzjonali għall-2020.
- Ix-xejriet fil-prestazzjonijiet nazzjonali, b'xi tqabbil internazzjonali fejn huwa possibbli.

Il-grafiċi huma bbażati fuq l-aħħar dejta disponibbli sa minn Frar 2014. Il-medji tal-UE jikkorrispondu għall-UE28, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

Id-dejta dettaljata, b'aktar varjabbli, hija aġġornata regolarment u tinsab fuq il-websajt tal-Eurostat: **http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/europe_2020_indicators/headline_indicators**

Informazzjoni u dettalji addizzjonali dwar il-miri jinsabu hawnhekk: **http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/europe_2020_indicators/headline_indicators/targets**

Fil-Ħarifa tal-2013 sar rapport komplut, b'aktar spjegazzjonijiet metodoloġiċi u statistiċi u dan jinsab ukoll fuq: **http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-02-13-238/EN/KS-02-13-238-EN.PDF**

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 GĦALL-IMPJIEGI

TIŻDIED IR-RATA TAL-IMPJIEG TAL-POPOLAZZJONI TA' ETÀ TA' BEJN L-20 U L-64 SENA GĦAL MILL-INQAS 75%

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Ir-rata tal-impjieg fl-UE kienet qed tistaġna f'dawn l-aħħar ftit snin u għadha taħt il-mira tal-Ewropa 2020 ta' 75% tal-popolazzjoni ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena f'impjieg sal-2020. Wara xejra stabbli 'il fuq bejn is-snin 2000 u l-2008, meta telgħet minn 66.6%[1] għal 70.3%, ir-rata tal-impjieg fl-UE waqgħet għal 68.9% fl-2009 bħala riżultat tar-riċessjoni qawwi tal-ekonomija. Din kompliet tonqos għal 68.5% fl-2010 u minn dak iż-żmien ġeneralment stabbilizzat ruħha f'dan il-livell. B'perċentwal ta' 68.4% fl-2012, ir-rata tal-impjieg tal-UE bħalissa qiegħda 6.6 punti perċentwali aktar baxxa mill-mira ta' 75%. Dan huwa minħabba l-kombinazzjoni tal-impatt negattiv tal-kriżi u ż-żmien meħtieġ qabel jibda jidher it-titjib fis-swieq tax-xogħol, kif ukoll il-pass kajman tar-riformi fis-suq tax-xogħol f'xi Stati Membri.

Se jkun meħtieġ progress sinifikanti, b'mod partikolari fl-azzjoni favur ir-ritorn għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, biex tintlaħaq il-mira tar-rata tal-impjieg sal-2020. Fuq il-bażi tas-sitwazzjoni attwali u ż-żidiet żgħar fir-rata tal-impjiegi mistennija fis-snin li ġejjin, il-mira tal-Ewropa 2020 mhux se tiġi ssodisfata u r-rata tal-impjieg għandha tilħaq 71.8 % fl-2020. Jeħtieġ li l-UE jkollha madwar 16-il miljun persuna addizzjonali b'impjieg biex tintlaħaq il-mira sal-2020.

Ir-rata tal-impjiegi fl-UE fis-sena 2000*, l-2012 u l-2020
(sehem ta' persuni impjegati, grupp ta' persuni ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fuq il-bażi tal-impenji attwali, ir-rata tal-impjiegi fl-UE tista' tilħaq 71.8 % sal-2020.

** is-sena 2000 u 2001: Dejta tal-UE27.*

*** Valuri stmati bbażati fuq it-Tbassir tal-Ħarifa tal-2013 tal-Kummissjoni għall-2014-2015, filwaqt li jiġi preżunt tkabbir fl-impjiegi sal-livelli tal-2014-2015, u filwaqt li jitqies tnaqqis ta' 1.0 % tal-popolazzjoni attiva matul id-deċennju.*

**** L-ebda mira ma ġiet stabbilita għar-Renju Unit: il-projezzjoni għall-UE tassumi 75% għar-Renju Unit fl-2020.*

[1] Dejta tal-UE27.

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom lura mill-mira tagħhom tal-Ewropa 2020.. Il-miri tal-impjiegi stabbiliti mill-Istati Membri għall-2020 ivarjaw minn 59% u 62.9% fil-Kroazja u Malta rispettivament (u Malta diġà laħqet din il-mira), għal 80% fid-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja. L-Isvezja u l-Ġermanja juru rati tal-impjieg ta' 79.4% u 76.7% fl-2012 u għaldaqstant qegħdin joqorbu lejn l-objettivi tagħhom ta' 80% u 77%. Id-diskrepanza bejn il-prestazzjoni tal-2012 u l-mira nazzjonali tal-Ewropa 2020 hija l-ogħla fi Spanja, il-Greċja, il-Bulgarija u l-Ungerija, b'differenza ta' aktar minn 10 punti perċentwali, u dan iqajjem dubji dwar il-kapaċità tagħhom li jilħqu l-objettiv tagħhom sal-2020. F'termini ta' progress miksub, il-Ġermanja u l-Awstrija jidhru li għandhom l-aqwa prestazzjoni, b'rati għolja tal-impjieg u tkabbir ekonomiku relattivament kbir mis-sena 2000. Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, ir-Rumanija u l-Irlanda ġew affettwati minn tnaqqis kbir fl-impjiegi u għad għandhom rati tal-impjieg baxxi meta mqabbla ma' Stati Membri oħra.

Ir-rati tal-impjieg fl-Istati Membri tal-UE

(sehem ta' persuni impjegati, grupp ta' persuni ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, ir-rata tal-impjiegi fl-UE kienet 68.4 %, imqabbla ma' mira ta' 75% għall-2020.

** L-ebda mira stabbilita għar-Renju Unit. SE: mira ħafna aktar minn 80%. IE: 69-71% (70% preżunt); IT: 67-69 % (68 % preżunt); CY: 75-77 % (76 % preżunt); AT: 77-78% (77.5% preżunt).*

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mill-2000, għal kull pajjiż

Il-progress bejn is-sena 2000 u l-2012 (punt ta’ bidla f'punti perċentwali)*



Il-progress bejn is-sena 2000 u l-2012 (punt ta’ bidla f'punti perċentwali)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: għall-UE kollha kemm hi, ir-rata tal-impjieg żdiedet b’1.8 punti perċentwali mis-sena 2000 sal-2012 (l-assi orizzontali), u laħqet it-68.4% fl-2012 (l-assi vertikali).

** 2000: Dejta tal-UE27; HR: 2002-2012*

Id-differenzi fil-prestazzjoni bejn l-Istati Membri qed jikbru u għad hemm diskrepanzi reġjonali fl-Istati Membri tan-Nofsinhar. Fl-2012, id-differenza bejn l-ogħla u l-inqas valur kienet ta’ 24.1 punti perċentwali, u r-rati tal-impjieg varjaw minn 55.3% fil-Greċja għal 79.4% fl-Isvezja. Dan jista’ jitqabbel mas-sitwazzjoni fis-sena 2000, meta kien hemm differenza ta' 22.7 punti perċentwali bejn l-ogħla prestazzjoni u dik l-aktar baxxa, u r-rati tal-impjieg varjaw minn 55.3% fil-Bulgarija sa 78% fid-Danimarka. Ġeneralment, il-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana u dawk Ċentrali għandhom it-tendenza li jkollhom rati tal-impjieg ogħla mill-Istati Membri tan-Nofsinhar u tal-Lvant. Barra minn hekk, il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant juru varjazzjonijiet qawwija f’termini tar-rati tal-impjieg reġjonali. Il-prestazzjoni reġjonali tal-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana u dawk Ċentrali hija pjuttost omoġenja, b’rati għolja tal-impjieg.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 FIR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP

ISIR INVESTIMENT TA' 3% TAL-PDG FIR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

In-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fl-UE reċentement kienet qed tiżdied ftit, iżda tibqa' inqas mill-mira tal-Ewropa 2020 ta' 3%. L-objettiv tar-R&Ż stabbilit fil-livell tal-UE huwa espress f'termini ta' intensità ta' R&Ż, li tkejjel in-nefqa domestika gross tas-settur pubbliku u dak privat fir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG, jiġifieri s-sehem tal-PDG investit fir-R&Ż. Il-finanzjament pubbliku tar-R&Ż huwa kejl dirett tal-livell tal-isforz pubbliku fl-appoġġ tal-attivitajiet tar-R&Ż. Il-monitoraġġ tal-finanzjament privat tar-R&Ż jippermetti l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-politiki bl-għan li jħajru u jrawmu investimenti tan-negozji fir-R&Ż u l-iżvilupp u t-tkabbir ta' ditti b'għarfien intensiv. Wara li baqgħet stabbli b'madwar 1.85% bejn is-sena 2000 u l-2007, in-nefqa domestika gross tal-UE fir-R&Ż bħala sehem tal-PDG żdiedet għal 2.01% fl-2009 u żdiedet b'mod moderat biss minn dak iż-żmien. B'sehem tal-PDG li jammonta għal 2.06% fl-2012, in-nefqa domestika gross tal-UE fir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG tibqa' kważi punt perċentwali inqas mill-mira ta' 3% u b'mod viżibbli taħt il-prestazzjoni tal-Istati Uniti.

Il-progress reċenti lejn il-mira ta' 3% jirriżulta l-aktar mill-politiki fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. Dawn għandhom l-għan li jrawmu l-investiment privat fir-R&Ż (notevolment permezz ta' ingranaġġ akbar permezz tal-finanzjament pubbliku, kundizzjonijiet qafas u inċentivi fiskali mtejba) u li jipproteġu u jippromwovu l-finanzjament pubbliku tar-R&Ż minkejja l-kriżi, skont il-prinċipju tal-konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir. Meta mqabbel ma' kompetituri internazzjonali, in-nuqqas tal-Ewropa huwa kkawżat prinċipalment minn livelli baxxi ta' investiment privat.

Fiċ-ċirkustanzi attwali, huwa improbabbli li tintlaħaq il-mira tal-Ewropa 2020 għar-R&Ż sal-2020. Skont l-aħħar projezzjonijiet u jekk ir-riformi u l-isforzi finanzjarji attwali jkomplu, in-nefqa domestika gross fir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG hija mistennija tibqa' taħt il-limitu ta' 3% sal-2020. Sabiex tintlaħaq din il-mira, ir-rata medja ta' tkabbir annwali tan-nefqa fir-R&Ż fl-UE teħtieġ li tirdoppja meta mqabbla mal-perjodu 2007-2012. Biex isir progress aktar malajr lejn il-mira ta' 3% jeħtieġ li ssir bidla strutturali aktar mgħaġġla lejn aktar attivitajiet ekonomiċi bbażati fuq l-għarfien.

In-nefqa domestika gross tal-UE fir-R&Ż bħala % tal-PDG fis-sena 2000, fl-2012 u fl-2020



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fuq il-bażi tal-impenji attwali, l-investiment tal-UE fir-R&Ż jista' jilħaq 2.2% sal-2020.
* *Xenarju bbażat fuq il-kontinwazzjoni tar-riformi u l-isforzi finanzjarji li għadhom għaddejjin.*

[**]*L-ebda miri stabbiliti mir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit: Iċ-ċifri tal-2020 ġew stmati mis-servizzi tal-Kummissjoni.*
[***]*Il-mira tal-UE tinkludi n-nefqa fir-R&Ż minn infrastrutturi ta' riċerka intergovernattivi, li mhijiex inkluża fin-nefqa fir-R&Ż tal-Istati Membri.*

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Il-livelli ta' ambizzjoni u l-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020 huma differenti fost l-Istati Membri. Il-miri nazzjonali f'termini ta' R&Ż jenfasizzaw diversi livelli ta' ambizzjoni tal-Istati Membri: Il-Finlandja u l-Isvezja, li diġà juru l-akbar intensità fir-R&Ż fl-UE stabbilixxew l-ogħla mira ta' 4% tal-PDG investit fir-R&Ż sal-2020. B'miri ta' 0.50% u 0.67% rispettivament, Ċipru u l-Greċja għandhom l-aktar objettivi baxxi. Pajjiżi oħra ddefinixxew għanijiet li jistgħu jinkisbu iżda mhux wisq ambizzjużi, bħal pereżempju l-Italja b'mira ta' 1.53%. Il-Greċja diġà laħqet il-mira tagħha ta' 0.67% tan-nefqa tal-PDG tagħha fir-R&Ż fl-2012. Il-Ġermanja, id-Danimarka u Ċipru qed joqorbu lejn l-objettivi rispettivi tagħhom. Ir-Rumanija, il-Portugall, Malta u l-Litwanja jibqgħu 'l bogħod milli l-miri tagħhom, b'valuri mill-inqas punt perċentwali taħt l-għan tagħhom. Il-progress li sar mis-sena 2000 fost il-pajjiżi huwa mħallat: L-Estonja kellha prestazzjoni 'l fuq mill-medja tal-UE fl-2012 u ma' din kellha l-akbar żieda fl-investiment fir-R&Ż bħala sehem tal-PDG, filwaqt li l-Kroazja, il-Lussemburgu u r-Renju Unit juru intensità tar-R&Ż taħt il-medja tal-UE u żieda fin-negattiv f'dan il-qasam.

Investiment fir-R&Ż fl-Istati Membri tal-UE bħala % tal-PDG



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, l-intensità tar-R&Ż fl-UE kienet tammonta għal 2.06% tal-PGD, kontra mira ta' 3% għall-2020.

* *LU: 2010.*

** ***L-ebda mira stabbilita mir-Repubblika Ċeka (għas-settur pubbliku biss) u mir-Renju Unit. IE:il-mira hija 2.5% tal-PNG, li hija stmata bħala ekwivalenti għal 2% tal-PDG. LU:il-mira hija bejn it-2.30% u t-2.60% tal-PDG (2.45% preżunt). PT:il-mira hija bejn it-2.70% u t-3.30% tal-PDG (3% preżunt).*

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mis-sena 2000, għal kull pajjiż*



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: l-investiment fir-R&Ż fl-UE żdied b'rata ta' tkabbir annwali ta' 0.9% bejn is-sena 2000 u l-2012 (l-assi orizzontali), u laħaq 2,06 % fl-2012 (l-assi vertikali).

**Performance: EL, SI: 2007; LU, NL, RO: 2010; US, JP, CN: 2011. Progress: SI: 2000-2007; LU, NL, RO: 2000-2010; CN: 2000-2011; EL: 2001-2007; HR: 2002-2012; HU, MT: 2004-2012; SE: 2005-2012; US: 2006-2011; DK: 2007-2012; JP: 2008-2011; PT: 2008-2012; FR: 2010-2012.*

Hemm differenza bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fir-rigward tal-investiment fir-R&Ż. Id-differenza fil-prestazzjoni bejn pajjiż u ieħor għall-intensità tar-R&Ż kienet qed tikber fl-aħħar deċennju: fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, in-nefqa domestika gross fir-R&Ż bħala sehem tal-PDG varjat minn 0.37% fir-Rumanija għal 3.35% fil-Finlandja fis-sena 2000, b'differenza ta' 2.98 punti perċentwali. Din id-differenza żdiedet għal 3.13 punti perċentwali fl-2012, bejn iż-0.42% fir-Rumanija u t-3.55% fil-Finlandja. Ġeneralment, il-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana juru l-ogħla livelli ta' intensità tar-R&Ż, filwaqt li l-Istati Membri tal-Lvant u tan-Nofsinhar għandhom livell baxx f'dan l-indikatur. Fil-livell reġjonali, il-pajjiżi bl-aktar livelli baxxi ta' intensità tar-R&Ż huma pjuttost omoġenji u prinċipalment jikkonsistu f'reġjuni b'livelli baxxi ta' investiment fir-R&Ż. Fl-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' intensità tar-R&Ż, għadd ta' reġjuni jibqgħu taħt il-mira nazzjonali ambizzjuża.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 FIL-KLIMA U L-ENERĠIJA (1)

JITNAQQSU L-EMISSJONIJIET TA' GASS SERRA B'MILL-INQAS 20 % META MQABBLA MAL-LIVELLI TAL-1990

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Wara tnaqqis konsiderevoli tal-emissjonijiet ta’ gass serra, l-UE kważi laħqet il-mira tagħha tal-Ewropa 2020 ta’ tnaqqis ta’ 20% meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Bejn l-1990 u l-2012, l-emissjonijiet ta' gass serra fil-livell tal-UE naqsu bi 18%. Il-politiki attwali dwar il-klima u dwar l-enerġija għenu biex ikun hemm progress u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kellu wkoll effett sinifikanti fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet. Fl-2010 ġiet osservata żieda żgħira fl-emissjonijiet ta' gass serra, matul l-irkupru temporanju. Din il-prestazzjoni hija aktar sinifikanti minħabba li l-ekonomija Ewropea kibret b’madwar 45% f’termini reali mill-1990 u turi separazzjoni ċara bejn it-tkabbir ekonomiku u l-emissjonijiet ta' gass serra. Bħala riżultat, fl-2012 l-ekonomija Ewropea kienet kważi darbtejn inqas intensiva fil-karbonju – l-intensità tal-karbonju tirreferi għall-ammont ta' emissjonijiet rilaxxati għal kull unità tal-PDG – milli fl-1990.

Fuq il-bażi tal-aħħar xejriet, il-mira tal-Ewropa 2020 relatata mal-emissjonijiet ta’ gass serra tidher li tista' tinkiseb. Skont l-iżviluppi inkoraġġanti ta’ dawn l-aħħar snin, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gass serra jista’ jaqbeż il-mira biex jilħaq 24% sal-2020.

L-emissjonijiet ta' gass serra fis-sena 2000, fl-2012 u fl-2020

(indiċi 1990=100)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: jekk il-pakkett tal-klima u l-enerġija tal-2020 huwa implimentat bis-sħiħ, l-UE tista’ tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta’ gass serra b’24% sal-2020, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Madwar nofs l-Istati Membri diġà laħqu l-mira tagħhom tal-Ewropa 2020 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi li mhumiex koperti mill-Iskema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS)[2]. Il-miri nazzjonali f'dan il-qasam ikejlu l-emissjonijiet ta' gass serra f'setturi mhux koperti mill-UE ETS, meta mqabbla mal-livelli tal-2005. Dawn ivarjaw minn objettiv ta' tnaqqis ta' 20% tal-emissjonijiet għal żieda ta' 20%. Skont id-dejta tal-2012, għal 15-il Stat Membru (Ċipru, l-Ungerija, l-Italja, il-Greċja, Spanja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Litwanja, is-Slovenja, Malta, il-Latvja, il-Bulgarija u l-Polonja) l-emissjonijiet ta' gass serra kienu taħt l-miri rispettivi tagħhom għall-2020. Ħafna mill-Istati Membri l-oħra naqqsu wkoll l-emissjonijiet tagħhom u b'hekk kisbu xi progress, mingħajr ma laħqu l-mira tagħhom sa issa. Il-Lussemburgu, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Belġju, il-Finlandja u l-Pajjiżi l-Baxxi huma l-aktar 'il bogħod mill-objettivi tagħhom. Skont l-aħħar projezzjonijiet nazzjonali disponibbli, fi 13-il Stat Membru (il-Ġermanja, l-Pajjiżi l-Baxxi, il-Latvja, il-Bulgarija, l-Italja, il-Finlandja, l-Awstrija, Spanja, il-Litwanja, il-Belġju, l-Irlanda, is-Slovenja u l-Lussemburgu) il-politiki eżistenti ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-miri nazzjonali sal-2020.

Il-bidla fl-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi mhux tal-ETS fl-Istati Membri tal-UE



Sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Qari: fl-2012, l-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi mhux tal-ETS kienu 10% inqas mill-2005 fl-UE.

**Mhux tal-ETS, mqabbla mal-2005, fuq il-bażi ta' dejta approssimata..*

[2] L-UE ETS tistabbilixxi limitu fuq l-emissjonijiet totali minn setturi tal-industrija li għandhom ħafna emissjonijiet. Il-kumpaniji jistgħu jixtru u jbiegħu kwoti tal-emissjonijiet f'dan il-limitu.

Bejn is-sena 2000 u l-2011, l-intensità tal-karbonju naqset fl-Istati Membri kollha, għalkemm il-progress ivarja ħafna. Il-pajjiżi li jagħmlu użu intensiv mill-karbonju ġeneralment kisbu tnaqqis importanti; il-pajjiżi li jagħmlu ftit użu mill-karbonju juru aktar progress limitat.

Is-sitwazzjoni fl-2011 u l-progress f'termini ta' intensità tal-karbonju mis-sena 2000, għal kull pajjiż



It-tnaqqis fl-intensità tal-karbonju bejn is-sena 2000 u l-2011 (%)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2011, ħafna mill-Istati Membri kienu qrib il-medja tal-UE f'termini ta' intensità tal-karbonju u progress.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 FIL-KLIMA U L-ENERĠIJA (2)

ŻIEDA FIS-SEHEM TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI FIL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FINALI GĦAL 20 %

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Kien hemm żieda kostanti fl-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-UE mis-sena 2000 u, sakemm din iż-żieda tibqa' stabbli, l-UE qiegħda fit-triq li tilħaq il-mira tal-Ewropa 2020 li żżid is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali sa 20%. Minn 7.5% fis-sena 2000[3], is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fil-konsum gross tal-enerġija finali żdied għal 8.5% fl-2005 u 14.4% fl-2012[4], jiġifieri 5.6 punti perċentwali taħt il-mira tal-Ewropa 2020, minħabba l-użu ta' skemi ta' appoġġ u l-introduzzjoni ta' inċentivi biex irawmu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-UE issa qiegħda fuq quddiem f'termini ta' investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari żvilupp mgħaġġel fl-enerġija mir-riħ u x-xemx.

Fuq il-bażi tal-aħħar xejriet, il-mira tal-Ewropa 2020 relatata mas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli tidher li tista' tinkiseb. Skont l-iżviluppi inkoraġġanti ta' dawn l-aħħar snin, is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fil-konsum gross tal-enerġija finali jista' joqrob il-21% fl-2020, jekk jinżamm l-isforz ta' dawn l-aħħar snin.

Is-sehem tal-UE tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross tal-enerġija finali, 2000-2020.



Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, studju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea

Qari: fuq il-bażi tal-iżviluppi u l-politiki attwali, is-sehem tal-UE ta' sorsi rinovabbli fil-konsum tal-enerġija jista' jilħaq l-20.9% sal-2020.

[3] Studju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea.
[4] EurObserv'ER.

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Ġie osservat progress ġenerali iżda għadhom meħtieġa aktar sforzi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-miri nazzjonali jvarjaw minn 10% għal Malta sa 49% fl-Isvezja. Ġeneralment, l-Istati Membri kollha żdiedu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sa mill-2005, iżda tlieta minnhom biss, l-Isvezja, l-Estonja u l-Bulgarija, sa issa laħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Il-Finlandja, l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka huma qrib ħafna tal-objettivi rispettivi tagħhom. Franza u r-Renju Unit huma madwar 10 punti perċentwali 'l bogħod mill-miri tagħhom.

Meta wieħed iħares lejn l-iżviluppi tul iż-żmien, il-grupp tal-aħjar prestaturi jinkludi l-Isvezja, l-Awstrija u l-Estonja, li jikkombinaw l-akbar progress mill-2005 u livelli għolja ta' użu ta' enerġija rinnovabbli. Malta, il-Lussemburgu, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u Franza juru prestazzjonijiet baxxi u progress moderat biss mill-2005. Fir-rigward tad-diverġenzi madwar l-UE, id-differenza bejn il-pajjiżi żdiedet mill-2005, minn 40.4 punti perċentwali għal 52.1 punti perċentwali fl-2012, b'valuri li jvarjaw minn 0.3% f'Malta sa 52.4% fl-Isvezja.

Is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri tal-UE

(% tal-konsum gross tal-enerġija finali)



Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, EurObserv'ER

Qari: fl-2012, is-sehem tal-UE ta' sorsi rinovabbli fil-konsum tal-enerġija ammonta għal 14.4%, imqabbel ma' mira ta' 20% għall-2020.

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mill-2005, għal kull pajjiż



Il-progress bejn l-2005 u l-2012 (punt ta’ bidla f'punti perċentwali)

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, EurObserv'ER

Qari: is-sehem tal-UE ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija żdied b'5.9 punti perċentwali tul il-perjodu bejn l-2005 u l-2012 (l-assi orizzontali),
biex jilħaq 14.4 % fl-2012 (l-assi vertikali).

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 FIL-KLIMA U L-ENERĠIJA (3)

ŻIEDA TA' 20% FL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Riċentement inkiseb xi progress fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, iżda jeħtieġ li jiġi kkonsolidat fis-snin li ġejjin biex tintlaħaq il-mira tal-Ewropa 2020 li jkun hemm żieda ta' 20% fl-effiċjenza enerġetika, li tikkorrispondi għal 1 483 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja[5]. Bejn is-sena 2000 u l-2006, il-konsum tal-enerġija primarja żdied b'mod stabbli, minn 1 617.8 Mtoe fis-sena 2000 sa massimu ta' 1 711.6 Mtoe fl-2006. Mill-2007, il-bidu tal-kriżi wasslet għal tnaqqis kważi kontinwu fil-konsum tal-enerġija primarja, sa 1 583.5 Mtoe fl-2012. Rigward l-emissjonijiet ta' gass serra, kien hemm rimbalz ħafif fil-konsum tal-enerġija primarja fl-2010, bħala riżultat tal-irkupru temporanju. Ammont kbir ta' dan it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja jista' jiġi spjegat permezz tat-tnaqqis fl-attività ekonomika ġġenerat mill-kriżi. Madankollu qed iseħħ ukoll xi tibdil strutturali. L-ilħiq tal-mira għall-2020 ifisser tnaqqis ieħor tal-konsum tal-enerġija primarja ta' 6.3% sal-2020.

Fuq il-bażi tal-aħħar xejriet, huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika. It-tnaqqis riċenti fil-konsum tal-enerġija primarja jrid ikompli u jiġi stabbilit f'bidliet fit-tul fix-xejriet tal-konsum tal-enerġija. Ġeneralment, il-kriżi kellha impatt fuq il-konsum tal-enerġija primarja. Għalhekk, is-sostenibbiltà tal-iżviluppi reċenti inkoraġġanti, kif ukoll l-piż rispettiv tal-fatturi ċikliċi u strutturali jistgħu jiġu ddubitati. Jeżisti wkoll lok għal azzjoni ulterjuri fis-setturi kollha, b'mod partikolari fit-trasport, fejn s'issa inkiseb ftit progress.

Il-konsum tal-enerġija primarja tal-UE, 2005-2020

[5] Kuntrarju għall-konsum tal-enerġija finali, il-konsum tal-enerġija primarja jirreferi għall-enerġija li ma kinitx soġġetta għall-ebda proċess ta' konverżjoni jew ta' trasformazzjoni.



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: Il-konsum tal-enerġija primarja tal-UE jista' jilħaq 1 542 Mtoe sal-2020.

** il-projezzjonijiet tal-2013 (operat bħas-soltu) huma magħmula fuq il-bażi tal-politiki attwali.*

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Is-sitwazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika hija mħallta. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika[6] tiddefinixxi l-mira għall-effiċjenza enerġetika fil-livell Ewropew u tirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom mira nazzjonali indikattiva għall-2020. Din il-mira trid tiġi tradotta fil-livelli ta' konsum tal-enerġija primarja u finali għal raġunijiet ta' komparabbiltà. B'mod ġenerali, fl-2012, Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Polonja, Spanja, l-Italja u s-Slovenja kellhom livelli ta' konsum ta' enerġija primarja taħt il-miri indikattivi nazzjonali tagħhom.

Il-konsum tal-enerġija primarja fl-Istati Membri tal-UE



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, 17-il Stat Membru kienu laħqu l-miri indikattivi nazzjonali tagħhom għall-effiċjenza enerġetika.

[6] ĠU L 315, l-14 ta' Novembru 2012.

L-intensità tal-enerġija[7] **– l-ammont tal-konsum tal-enerġija primarja għal kull unità tal-PDG – tjiebet fl-Istati Membri kollha bejn l-2005 u l-2011**. . B’mod ġenerali, il-pajjiżi li għandhom l-ogħla intensità tal-enerġija naqqsuha b'mod konsiderevoli. It-tnaqqis huwa aktar moderat għall-Istati Membri li huma inqas intensivi fl-enerġija.

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mill-2005, għal kull pajjiż



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, ħafna mill-Istati Membri kienu qrib il-medja tal-UE f’termini ta’ intensità tal-enerġija u progress.

[7] L-indikatur tal-intensità tal-enerġija jiddependi fuq l-istruttura industrijali tal-ekonomija u b’hekk mhuwiex indikatur eżatt tal-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 GĦALL-EDUKAZZJONI (1)

TNAQQIS TAS-SEHEM TA' DAWK LI JITILQU KMIENI MILL-ISKOLA GĦAL INQAS MINN 10 %

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Ittieħdu passi pożittivi dwar it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ: is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola ilu jonqos b'mod stabbli mis-sena 2000, iżda r-rata għadha 'l fuq mill-mira tal-Ewropa 2020 ta' 10% sa issa. Sal-2020, l-UE trid tnaqqas is-sehem ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni ta' età ta' bejn l-24 u t-18-il sena (dawk b'massimu ta' edukazzjoni sekondarja inferjuri u mhux f'edukazzjoni jew taħriġ ulterjuri) għal inqas minn 10%. Dan l-indikatur segwa trajettorja dejjem tonqos mis-sena 2000 u naqas minn aktar minn 17% fis-sena 2000[8], għal 15.7% fl-2005 u 12.7% fl-2012 fl-UE. Madankollu dan jibqa' 2.7 punti perċentwali aktar mill-mira tal-Ewropa 2020. Parti minn din il-prestazzjoni pożittiva tista' tkun marbuta mal-effett tal-kriżi, meta kundizzjonijiet u prospetti tal-impjieg dejjem sejrin għall-agħar, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, inkoraġġixxewhom jibqgħu aktar fis-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ.

Il-mira tal-Ewropa 2020 dwar it-tluq bikri mill-iskola tista' tinkiseb sal-2020. Għalkemm il-mira tal-Ewropa 2020 dwar t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ tidher realistika, din mhijiex awtomatika. Tnaqqis reċenti fit-tluq bikri mill-iskola minħabba l-kriżi, flimkien ma' projezzjonijiet demografiċi, jitfgħu dubju fuq il-kapaċità tal-UE li tnaqqas is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni għal inqas minn 10% sal-2020. L-ilħiq tal-mira se jeħtieġ sforz sostenut, jekk mhux miżjud, mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

Tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE fis-sena 2000*, l-2012 u l-2020

(ta' bejn it-18 u l-24 sena, b'massimu edukazzjoni sekondarja inferjuri u mhux edukazzjoni jew taħriġ avvanzati)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: Fuq il-bażi tal-impenji attwali, ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola fl-UE tista' tilħaq 10.1% sal-2020.

** 2000 u 2001: Dejta tal-UE27*

*** L-operat bħas-soltu jikkorrispondi għal estrapolazzjoni tal-iżviluppi tas-sena 2000-2012.*

[8] Dejta tal-UE27

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

L-ambizzjoni f'termini ta' tnaqqis fit-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ tvarja bejn l-Istati Membri. B'miri nazzjonali li jvarjaw minn 4% fil-Kroazja għal 16% fl-Italja, l-Istati Membri wrew livelli differenti ta' ambizzjoni, u dan jagħmel it-triq lejn il-mira inqas jew aktar diffiċli. Fl-2012, disa' Stati Membri, id-Danimarka, is-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, l-Isvezja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja, diġà kienu laħqu l-miri rispettivi tagħhom, iżda xi wħud minn dawn il-pajjiżi kienu stabbilixxew miri inqas ambizzjużi minn Stati Membri oħra. Il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Finlandja wkoll qed joqorbu lejn l-miri tagħhom, filwaqt li Spanja, il-Portugall, Malta u r-Rumanija għadhom 'il bogħod mill-objettivi tagħhom. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment mill-fatt li dawn il-pajjiżi stabbilixxew miri pjuttost ambizzjużi.

Meta wieħed iħares lejn l-iżviluppi maż-żmien, erba' gruppi ewlein ta' pajjiżi jistgħu jiġu identifikati: xi Stati Membri bħal pereżempju Spanja, ir-Rumanija u l-Italja juru rati għoljin ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u progress relattivament kajman. Il-Portugall u Malta wkoll juru rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola, iżda kisbu progress sostanzjali mis-sena 2000. Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, xi prestaturi tajbin għamlu biss progress żgħir mis-sena 2000 – fil-każ tal-Lussemburgu u l-Kroazja, ir-rata tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ saħansitra żdied bejn is-sena 2000 u l-2012. Id-Danimarka u l-Litwanja jidhru bħala l-aqwa prestaturi, li jikkombinaw rati baxxi ta' tluq bikri mill-iskola ma' progress notevoli mis-sena 2000. Sal-2020, skont l-aħħar projezzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri x'aktarx se jilħqu l-mira tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' Spanja, il-Portugall u r-Rumanija.

Tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri tal-UE

(ta' bejn it-18 u l-24 sena, b'massimu edukazzjoni sekondarja inferjuri u mhux edukazzjoni jew taħriġ avvanzati)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: ir-rata medja tal-UE ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni kienet 12,7 % fl-2012, meta mqabbla ma' mira ta' 10 % għall-2020.
** UE28, DK, DE, LU u SE: <10 %; LT: <9 %; SK: <6 %. Ir-Renju Unit ma stabbilixxiex mira.*

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mis-sena 2000*, għal kull pajjiż



punt perċentwali annwali ta' bidla fir-rata tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ (2000-2012)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: ir-rata tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE naqset b'madwar 0.4 punti perċentwali kull sena bejn l-2002 u l-2012 (l-assi orizzontali), u laħqet it-12.7% fl-2012 (assi vertikali).

** UE: 2002-2012*

It-tluq bikri mill-iskola huwa mmarkat b'varjazzjonijiet dejjem jonqsu fl-UE kollha. Id-differenza bejn l-inqas u l-ogħla rata ta' tluq bikri mill-iskola naqset b'aktar minn nofs bejn is-sena 2000 u l-2012. Bl-inqas rata għall-Isvezja, 7.3% u l-ogħla għal Malta, 54.2%, id-differenza kienet ta' 46.9 punti perċentwali fis-sena 2000. Fl-2012, naqset għal 20.7 punti perċentwali, u l-inqas valur kien ta' 4.2% għall-Kroazja u l-ogħla 24.9% għal Spanja. B'mod ġenerali, il-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar għandhom it-tendenza li jkollhom l-ogħla ishma ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. B'riflessjoni ta' din ix-xejra, ir-reġjuni fil-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana u tal-Lvant għandhom predominanza ta' rati baxxi ta' tluq bikri mill-iskola, b'kuntrast mar-reġjuni tan-Nofsinhar tal-Ewropa.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 GĦALL-EDUKAZZJONI (2)

ŻIEDA FIS-SEHEM TAL-POPOLAZZJONI TA' ETÀ TA' BEJN IT-30 U L-34 SENA LI JKUNU LESTEW L-EDUKAZZJONI TERZJARJA GĦAL MILL-INQAS 40 %

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

Sar progress tajjeb lejn il-mira tal-Ewropa 2020 ta' 40% ta' kisba ta' edukazzjoni terzjarja (jew ekwivalenti) u jeħtieġ li dan ikompli. It-tieni indikatur relatat mal-edukazzjoni għandu l-għan li jgħolli s-sehem taż-żgħażagħ ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkunu temmew l-edukazzjoni terzjarja (jew ekwivalenti) għal 40%. B'rata ta' 22,4% fis-sena 2000[9], 27.9% fl-2005 u 35.7% fl-2012, li tikkorrispondi għal żieda ta' 13.3 punti perċentwali fi 12-il sena, l-UE avvanzat b'mod sinifikanti lejn il-mira tagħha u l-għadd ta' gradwati terzjarji żdied b'mod rapidu. Hemm biss 4.3 punti perċentwali bejn il-prestazzjoni attwali tal-UE u l-mira ta' 40% tal-Ewropa 2020.

Il-mira tal-Ewropa 2020 dwar ir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja tista' tinkiseb sal-2020. Fuq il-bażi tal-aħħar żviluppi fejn diġà sar progress sinifikanti, u jekk wieħed jassumi li t-tendenza tal-passat se tkompli, hemm possibbiltà tajba li l-mira tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja (jew ekwivalenti) tista' tintlaħaq.

Ir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja fl-UE, 2000-2020*

(% tal-popolazzjoni ta' età ta' bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja kompluta livelli – tal-ISCED 5 u 6)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: Fuq il-bażi tal-impenji attwali, ir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja fl-UE tista' tilħaq 45.1% sal-2020.

** 2000-2001: Dejta tal-UE27*

*** L-operat bħas-soltu jikkorrispondi għal estrapolazzjoni tal-iżviluppi tas-sena 2000-2012.*

[9] Dejta tal-UE27

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Sar progress tajjeb lejn iż-żieda tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja, għalkemm xi Stati Membri huma aktar ambizzjużi minn oħrajn. Il-miri nazzjonali jvarjaw bejn 26-27% fl-Italja u 60% fl-Irlanda u dawn jirriflettu l-livelli differenti ta' ambizzjoni tal-Istati Membri. Fl-2012, disa' Stati Membri li jinkludu l-Latvja, il-Pajjiżi l-Baxxi, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Isvezja, il-Litwanja, Ċipru, il-Ġermanja u l-Awstrija[10] kienu diġà laħqu l-miri tagħhom. L-Ungerija, is-Slovenja u l-Estonja huma fit-tieni post u huma qrib ħafna l-miri rispettivi tagħhom. Malta, is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Portugall u l-Kroazja jinsabu l-aktar imbiegħda mill-miri tagħhom u l-Irlanda wkoll għad fadallha disa' punti perċentwali mill-objettiv tagħha; xi wħud minn dawn il-pajjiżi bħas-Slovakkja, il-Portugall, l-Irlanda u l-Lussemburgu identifikaw miri ambizzjużi, 40%, 60% u 66% rispettivament, kuntrarju għall-mira inqas ambizzjuża tal-Italja pereżempju, stabbilita għal 26%. F'termini ta' progress miksub matul l-aħħar 10 snin, wieħed jista' jiddistingwi erba' gruppi ta' pajjiżi: xi wħud mill-Istati Membri, notevolment il-Bulgarija, il-Greċja, il-Kroazja, l-Awstrija, l-Italja, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija, huma kkaratterizzati minn kisba baxxa ta' edukazzjoni terzjarja u progress baxx mis-sena 2000. Minkejja prestazzjoni baxxa, pajjiżi oħra għamlu progress konsiderevoli mis-sena 2000. Dan huwa speċjalment il-każ għall-Portugall u l-Ungerija. Fost l-aħjar prestaturi f'termini ta' kisba tal-edukazzjoni terzjarja, hemm differenza bejn il-progress kajman fil-Finlandja, il-Belġju jew Spanja u l-progress għoli milħuq mil-Lussemburgu, il-Litwanja, l-Irlanda u l-Isvezja. Fir-rigward tal-projezzjonijiet għall-2020, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, minbarra Malta, il-Portugall u s-Slovakkja, huma mistennija li jilħqu l-mira tagħhom.

Ir-rata tal-kisba terzjarja fl-Istati Membri tal-UE

(il-popolazzjoni ta' età ta' bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja kompluta – livelli tal-ISCED 5 u 6)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: ir-rata ta' kisba terzjarja kienet ta' 35.7% fl-UE fl-2012, meta mqabbla ma' mira ta' 40% għall-2020.

** UE28, DK: mill-inqas 40%; DE: 42%, inkluż ISCED 4; IT: 26-27% (26.5% preżunt); LV: 34-36 % (35 % preżunt); NL: aktar minn 40%; AT: 38%, inkluż ISCED 4/4a; SE: 40-45 % (42.5 % preżunt); Ir-Renju Unit ma stabbilixxiex mira. FI: 42% (definizzjoni aktar stretta); FR: popolazzjoni ta' età ta' bejn is-17 u t-33 sena*

[10] Irid jiġi nnutat li l-miri tal-Ġermanja u l-Awstrija huma differenti minn dawk tal-Istati Membri l-oħra peress li dawn jinkludu l-kisba post-sekondarja.

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mis-sena 2000, għal kull pajjiż*



punt perċentwali annwali ta' bidla fir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja (2000-2012)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: ir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja għall-UE, żdiedet b'aktar minn punt perċentwali kull sena mis-sena 2000 (l-assi orizzontali), u laħqet 35.7% fl-2012 (l-assi vertikali).

** 2000: Dejta tal-UE27*

Il-prestazzjoni bejn il-pajjiżi turi stampa varjata fl-UE. B'mod ġenerali, l-Ewropa tat-Tramuntana turi l-ogħla livelli ta' kisba tal-edukazzjoni terzjarja, u dan huwa rifless ukoll fil-prestazzjonijiet reġjonali tal-pajjiżi differenti. Id-differenza kbira fir-riżultati fl-edukazzjoni terzjarja, li tammonta għal 35.2 punti perċentwali bejn l-aktar prestazzjoni dgħajfa ta' Malta u l-aqwa riżultati tal-Litwanja fis-sena 2000, naqset matul is-snin, u laħqet 29.4 punti perċentwali fl-2012. L-Italja għandha l-inqas rata ta' kisba tal-edukazzjoni terzjarja, b'21.7%, filwaqt li l-Irlanda hija l-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni, b'rata ta' 51.1%. Ir-riżultati reġjonali juru xi differenzi fil-pajjiż innifsu, b'mod partikolari fi Spanja u l-Ġermanja. Barra minn hekk, l-ambizzjonijiet varji tal-Istati Membri jaffettwaw ukoll il-prestazzjoni reġjonali, b'xi pajjiżi juru għadd kbir ta' reġjuni bi prestazzjoni tajba, għalkemm dawn jibqgħu taħt il-mira nazzjonali.

IL-MIRA TAL-EWROPA 2020 GĦALL-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI

LI TNEĦĦI MILL-INQAS 20 MILJUN PERSUNA MIR-RISKJU TAL-FAQAR JEW L-ESKLUŻJONI SOĊJALI

1. Is-sitwazzjoni attwali fil-livell tal-UE

L-impatt soċjali tal-kriżi kien sinifikanti u l-għadd ta' persuni esposti għall-faqar jew l-esklużjoni soċjali żdied, u b'hekk iddgħajjef il-progress lejn l-ilħiq tal-mira tal-Ewropa 2020 li jitneħħew 20 miljun persuna mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Il-mira stabbilita mill-UE tikkorrispondi għal sitwazzjoni fejn 96.4 miljun persuna jinsabu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-2020[11]. Meta wieħed jirreferi għall-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, l-indikatur jinkludi l-għadd ta' persuni affettwati minn mill-inqas wieħed mit-tliet tipi ta' faqar, jiġifieri l-faqar ta' introjtu (persuni f'riskju tal-faqar wara trasferimenti soċjali[12]), faqar materjali (persuni mċaħħdin materjalment b'mod estrem[13]) u persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna[14].

Il-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-UE, 2012



[11] L-2008 tintuża bħala sena bażi.

[12] "Il-Persuni B'introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-livell ta' riskju tal-faqar, li huwa stabbilit għal 60% tal-medja nazzjonali tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat (wara t-trasferimenti soċjali)". Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

[13] "Il-persuni mċaħħdin materjalment b'mod estremma għandhom kundizzjonijiet ta' għajxein ristretti ħafna minħabba nuqqas ta' riżorsi, jesperjenzaw nuqqas ta' mill-inqas erbgħa mid-disgħa oġġetti li ġejjin: ma jistgħux (i) iħallsu l-kera jew il-kontijiet tas-servizzi bażiċi, (ii) iżommu darhom sħuna biżżejjed, (iii) iħallsu spejjeż mhux previsti, (iv) jieklu laħam, ħut jew proteina li hija ekwivalenti darba iva u oħra le, (v) jieħdu vaganza ta' ġimgħa 'l bogħod mid-dar, (vi) jixtru karozza, (vii) jixtru magna tal-ħasil, (viii) jixtru televixin tal-kulur, jew (ix) jixtru telefown". Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

[14] "Il-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-intensità tax-xogħol hija baxxa ħafna huma persuni ta' età ta' bejn 0 u 59 sena li mhumiex studenti u li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti jaħdmu inqas minn 20% tal-potenzjal kollu għax-xogħol tagħhom tul is-sena preċedenti." Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fuq il-bażi ta' tliet modi differenti għall-kejl tal-faqar, total ta' 124.2 miljun persuna kienu jinsabu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-UE fl-2012 (b'9.3 miljun persuna li jappartjenu lit-tliet gruppi).

Minħabba l-impatt aħrax tal-kriżi, il-mira tal-Ewropa 2020 fir-rigward tal-faqar tidher li ma tistax tintlaħaq. Is-snin sal-2009 kienu kkaratterizzati minn tnaqqis kostanti fl-għadd ta' persuni esposti għall-faqar jew l-esklużjoni soċjali. L-aktar livell baxx intlaħaq fl-2009, b'madwar 114-il miljun persuna fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali[15], kontra aktar minn 124 miljun fl-2005[16]. Madankollu, il-kriżi affettwat dawn l-iżviluppi pożittivi u wasslet għal żieda fil-valuri tal-aggregati tal-UE28, b'żieda fl-għadd tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għal aktar minn 118-il miljun fl-2010, aktar minn 121 miljun fl-2011 u aktar minn 124 miljun fl-2012. Il-faqar monetarju jaffettwa l-ogħla għadd ta' persuni u d-deprivazzjoni materjali estrema żdiedet b'mod l-aktar rapidu, b'7.1 miljun persuna mill-2010. Fuq il-bażi tax-xejriet reċenti u skont l-aħħar projezzjonijiet, il-mira tal-UE li tnaqqas l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għal 96.4 miljun sal-2020 hija diffiċli li tintlaħaq u l-indikatur jista' jibqa' qrib il-100 miljun.

Il-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u s-sottoindikaturi tiegħu, 2005-2020*



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, 124 miljun persuna kienu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-UE, jiġifieri 28 miljun aktar mill-mira tal-Ewropa 2020.

**2005-2009: Dejta tal-UE27, 2010-2012: Dejta tal-UE28. Il-mira tal-2020 ta' 96.4 tikkorrispondi għaċ-ċifra tal-2008 għall-UE27 (116.4) neqsin l-20 miljun persuna li l-UE għandha l-għan li teħħi mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-Kroazja hija eskluża mill-kalkolu tal-mira.*

[15] Dejta tal-UE27
[16] Dejta tal-UE27

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-progress fil-livell nazzjonali

Bħala konsegwenza tal-kriżi, il-progress fit-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali kien limitat ħafna. Meta mqabbla mal-mira Ewropea li jitneħħew 20 miljun persuna mill-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-miri nazzjonali aggregati huma inqas ambizzjużi u jikkorrispondu għal tnaqqis tal-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali b'madwar 12-il miljun. Bħala riżultat tal-kriżi, il-vulnerabbiltà għall-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Għalhekk, fl-2012, żewġ pajjiżi biss, il-Ġermanja u l-Latvja kienu laħqu l-miri tagħhom[17]. Il-Polonja hija qrib ħafna li tilħaq il-mira tagħha filwaqt li l-Bulgarija, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Finlandja mexjin fid-direzzjoni t-tajba. L-Italja, l-Ungerija, il-Greċja u Spanja huma l-aktar 'il bogħod milli l-miri rispettivi tagħhom.

Id-differenzi bejn l-Istati Membri qed jiżdiedu. Il-kriżi ma affettwatx lill-Istati Membri kollha bl-istess mod u lanqas bl-istess intensità u żiedet id-differenzi bejn l-Istati Membri. Fl-2008, id-distanza bejn iż-żewġ estremi, jiġifieri l-Pajjiżi l-Baxxi b'14.9% tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u l-Bulgarija b'44.8%, kienet tammonta għal kważi 30 punti perċentwali. Din id-differenza żdiedet għal 34.3 punti perċentwali fl-2012, minn 15% fil-Pajjiżi l-Baxxi għal 49.3% fil-Bulgarija.

Il-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri tal-UE*

(% tal-popolazzjoni)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: fl-2012, 24.8 % tal-popolazzjoni kienu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-UE, li huwa madwar ħames punti perċentwali 'l fuq mill-mira tal-Ewropa 2020.

**Il-mira għall-2020 tirreferi għar-rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali jekk il-mira għall-2020 tintlaħaq - ir-Renju Unit u l-Isvezja mhumiex inklużi minħabba l-ispeċifiċità tal-miri nazzjonali tagħhom; IE: 2011.*

[17] Dawn il-pajjiżi kienu laħqu l-miri nazzjonali tagħhom, li mhumiex espressi f'termini ta' persuni li qegħdin fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.

Is-sitwazzjoni fl-2012 u l-progress li sar mill-2008, għal kull pajjiż



punt ta’ bidla f'punti perċentwali (2008-2012)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Qari: is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali żdied b’aktar minn punt perċentwali bejn l-2008 u l-2012 (l-assi orizzontali), biex jilħaq 24.8% tal-popolazzjoni fl-2012 (l-assi vertikali).

2008: Dejta tal-UE27

Anness III: Is-sitwazzjoni attwali tal-Inizjattivi Ewlenin

INIZJATTIVA EWLENIJA "AĠENDA GĦALL-ĦILIET ĠODDA U L-IMPJIEGI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

"**Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi" hija inizjattiva globali dwar l-impjiegi, li tkopri l-kwistjonijiet tal-flessigurtà, il-ħiliet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħolqien tal-impjiegi**. Għandha l-għan li tgħolli r-rata tal-impjiegi b'aktar impjiegi u impjiegi aħjar, tgħin lill-persuni biex jantiċipaw u jimmaniġġaw il-bidla billi tagħtihom numru tajjeb ta' ħiliet u kompetenzi, timmodernizza s-suq tax-xogħol u s-sistemi soċjali, u tiżgura li l-benefiċċji tat-tkabbir jilħqu l-partijiet kollha tal-UE. L-inizjattiva ewlenija stabbilixxiet erba' prijoritajiet ewlenin, (i) li tagħmel is-swieq tax-xogħol Ewropej jiffunzjonaw aħjar permezz tal-adattament tal-politiki tal-flessigurtà għall-kuntest ta' wara l-kriżi, (ii) li tagħti ħiliet lill-persuni li huma adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, (iii) li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u (iv) li tippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi u d-domanda tax-xogħol. L-aġenda kienet stabbilita bħala sforz konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, s-sħab soċjali, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex tipprovdi 13-il azzjoni ewlenija akkumpanjati minn miżuri oħrajn ta' appoġġ.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

Il-progress fit-twettiq tal-inizjattiva kien imħallat. L-azzjonijiet kollha fl-oqsma tal-flessigurtà u l-ħiliet tlestew, b'adattamenti għall-kuntest ekonomiku l-ġdid. Ir-riżultati fil-qasam tal-kwalità tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma aktar varjati, bi ftit progress fir-rigward tal-ħin tax-xogħol u tas-saħħa u s-sigurtà. Ma sar l-ebda progress fir-rigward ta' proposta għal prinċipji gwida biex jippromwovu kundizzjonijiet li jippermettu l-ħolqien tal-impjiegi, anki jekk din l-azzjoni ewlenija hija indirizzata sa ċertu punt fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

2.2 Tagħlim miksub

L-impatt tal-inizjattiva ewlenija fuq livell makroekonomiku kien limitat. L-inizjattivi individwali li ġew implimentati se jgħinu biex jitjieb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol maż-żmien u jindirizzaw l-ostakli ewlenin, speċjalment fl-oqsma tal-ħiliet u l-mobbiltà. Madankollu, fil-kuntest tal-kriżi, l-effetti makroekonomiċi ġenerali tal-inizjattiva ewlenija kienu limitati.

Is-sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattiva ewlenija ġiet imfixkla f'diversi aspetti. Fl-2012, billi l-kriżi aggravat, l-inizjattiva ewlenija kellha tinkludi magħha aġenda komprensiva għal irkupru b'ħafna impjiegi. L-adozzjoni tal-Pakkett dwar l-Impjiegi[18] f'April 2012 u l-Pakkett dwar l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ[19] f'Diċembru 2012 sa ċertu punt tefgħet l-attenzjoni politika u l-isforzi ta' komunikazzjoni 'l bogħod mill-inizjattiva ewlenija. L-inizjattiva ewlenija ma rnexxilhiex toħloq qafas koerenti għall-politiki tal-impjieg u tuża s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet differenti. Ir-rabta mas-Simestru Ewropew kienet limitata, b'mod partikolari bejn inizjattivi fil-livell tal-UE adottati fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija u l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew speċifiċi għal kull pajjiż.

[18] COM(2012)173.
[19] COM(2012)727.

INIZJATTIVA EWLENIJA "ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

"Żgħażagħ attivi" tkopri l-edukazzjoni u l-impjiegi u hija maħsuba li ttejjeb il-prestazzjoni tal-edukazzjoni, tindirizza l-isfidi li jaffaċċaw iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u tiffaċilita t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. "Żgħażagħ attivi" stabbilixxiet erba' oqsma ta' prijorità, u tħaddan l-importanza ta' (i) l-appoġġ għall-kisba tal-ħiliet permezz tat-tagħlim (formali, mhux formali u informali), (ii) it-trawwim tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni ogħla, (iii) l-inkoraġġiment tat-tagħlim u l-mobbiltà tal-impjiegi u (iv) l-appoġġ tal-impjieg taż-żgħażagħ. L-inizjattiva għandha l-għan li tuża l-fondi tal-UE bħala katalisti għat-titjib tal-opportunitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjegabbiltà u l-impjiegi taż-żgħażagħ.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

"Żgħażagħ attivi" adottat approċċ komprensiv u integrat. "Żgħażagħ attivi" għażlet loġika inklussiva billi ġabret flimkien il-kwistjonijiet tal-edukazzjoni u l-impjieg u ppruvat tikseb rabta bla xkiel bejniethom. Dan ippermetta li jinġabru flimkien sett ta' azzjonijiet tal-UE rilevanti għaż-żgħażagħ u li jitpoġġew il-kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ f'pożizzjoni prijoritarja fl-aġenda Ewropea u dawk nazzjonali.

Inkisbet implimentazzjoni rigoruża ta' "Żgħażagħ attivi". L-azzjonijiet ta' segwitu kollha fl-inizjattiva ewlenija twettqu, bl-eċċezzjoni tal-"Karta Żgħażagħ Attivi", li ġiet sostitwita b'għodod oħra. L-azzjonijiet intużaw f'kull waħda mill-erba' pilastri tal-inizjattiva: (i) Fl-2011[20] ġiet ifformulata Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li timmira t-tluq bikri mill-iskola u din tat impetu lill-azzjoni nazzjonali biex jitnaqqsu r-rati tat-tluq, u ssaħħet il-kooperazzjoni fil-livell Ewropew fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; (ii) il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni superjuri kienet fil-qalba ta' Komunikazzjoni mill-Kummissjoni; (iii) il-mobbiltà trawmet permezz ta' firxa ta' strumenti, notevolment l-approċċ integrat il-ġdid tal-programm Erasmus+, il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet jew l-Iskema "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" li għandha l-għan li tipprovdi opportunitajiet fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ fit-28 Stat Membru; (iv) ġiet adottata Rakkomandazzjoni tal-Kunsill[21] li tistabbilixxi Garanzija għaż-Żgħażagħ[22] u ġew varati skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ – biex jiġġieldu kontra l-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ – dawn jistgħu jiġu appoġġati mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, għall-Istati Membri b'reġjuni li għandhom rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ta' aktar minn 25%.

2.2 Tagħlim miksub

Il-komunikazzjoni dwar "Żgħażagħ attivi" ġiet affettwata minn diversi dgħjufijiet. In-natura tal-aġenda qafas u l-orjentazzjoni fit-tul tal-azzjonijiet inklużi fl-inizjattiva kkuntrastaw mal-istenniji ta' xi partijiet interessati ta' programm operazzjonali tal-infiq. Il-komunikazzjoni dwar il-programmi u l-inizjattivi varata fil-qasam tal-edukazzjoni u l-impjieg taż-żgħażagħ ħolqot xi konfużjoni mal-inizjattiva ewlenija stess.

---

[20] 2011/C191/01.

[21] 2013/C120/01.

[22] Il-Garanzaiji għaż-Żgħażagħ jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew skema ta' taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jieqfu mill-edukazzjoni formali.

INIZJATTIVA EWLENIJA "UNJONI TA' INNOVAZZJONI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

"Unjoni ta' Innovazzjoni" hija pakkett komprensiv ta' azzjonijiet immirati lejn il-kisba ta' ambjent favur l-innovazzjoni fl-UE. "Unjoni ta' Innovazzjoni" tipprova ssaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE permezz ta' serje ta' miżuri għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, l-intraprendituri, ir-riċerkaturi u l-inġiniera, u ċ-ċittadini. Tingħata prijorità lil l-isfidi ta' interess komuni, bl-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet qafas u l-aċċess għall-finanzjament għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, u b'hekk titwitta t-triq għal suq uniku tal-innovazzjoni. Biex jintlaħaq dan l-għan, "Unjoni ta' Innovazzjoni" tibni fuq 34 impenn u finanzjament mill-programm "Orizzont 2020" fost strumenti oħrajn.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

It-twassil tal-inizjattiva tinsab fit-triq it-tajba. 100% tal-azzjonijiet stabbiliti fil-kuntest ta' "Unjoni ta' Innovazzjoni" huma fit-triq it-tajba, b'livelli differenti ta' implimentazzjoni. B'mod partikolari, ġew stabbiliti ħames Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, li jindirizzaw (i) it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, (ii) is-sostenibbilità u l-produttività agrikola, (iii) bliet u komunitajiet intelliġenti, (iv) l-ilma u (v) il-materja prima, sabiex titrawwem il-kooperazzjoni tal-partijiet interessati tal-UE, dawk nazzjonali u dawk sottonazzjonali. Il-miżuri li jirrinforzaw l-użu tal-akkwist pubbliku għall-innovazzjoni, li jintroduċu passaport għall-investiment tal-kapital ta' riskju bejn il-pajjiżi jew li joħolqu protezzjoni tal-privattiva unitarja jgħinu biex l-ambjent tan-negozju jkun aktar favur l-innovazzjoni. Ittieħdu wkoll passi lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka fl-2014, li għandha l-għan li żżid l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi pubbliċi ta' riċerka li jiġġeneraw aktar produttività, kompetittività u tkabbir fl-UE.

Ġew stabbiliti għodod ta' monitoraġġ. Tabella ta' Valutazzjoni għall-Innovazzjoni komprensiva tipprovdi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Istati Membri tal-UE u l-qawwiet u d-dgħufijiet rispettivi tas-sistemi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni. Barra minn hekk, tfassal indikatur ġdid tar-riżultati tal-innovazzjoni – madankollu x-xogħol għadu għaddej sabiex jiġu indirizzati xi wħud mill-limitazzjonijiet – tiegħu bil-ħsieb li jsir monitoraġġ tar-riżultati tal-innovazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha kontra s-sħab kummerċjali ewlenin tagħhom. Dan iserraħ fuq erba' dimensjonijiet ewlenin, jiġifieri l-innovazzjoni teknoloġika, l-impjieg f'attivitajiet b'għarfien intensiv, il-kompetittività ta' oġġetti u servizzi b'għarfien intensiv u l-impjieg f'ditti li qed jikbru b'rata mgħaġġla f'setturi innovattivi.

2.2 Tagħlim miksub

L-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri hija kruċjali. Il-miżuri stabbiliti fil-qafas tal-"Unjoni ta' Innovazzjoni" jmorru fid-direzzjoni t-tajba; madankollu, il-materjalizzazzjoni tal-benefiċċji assoċjati tiddependi b'mod kruċjali fuq l-implimentazzjoni xierqa.

"Unjoni ta' Innovazzjoni" ma waqqfitx ir-riskju li qed jiżdied ta' firda fl-innovazzjoni ġewwa l-UE. Mill-2008, l-UE rnexxielha tnaqqas bi kważi nofs id-distakk tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha mal-Istati Uniti u l-Ġappun. Madankollu, fl-UE, id-dinamika ta' konverġenza bejn il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Istati Membri staġnat għalkollox u d-differenzi bejn il-pajjiżi qed jikbru.

INIZJATTIVA EWLENIJA "AĠENDA DIĠITALI GĦALL-EWROPA"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

L-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa" tfasslet biex tgħin lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħsdu l-benefiċċji ta' suq uniku diġitali kompetittiv. Minħabba l-frammentazzjoni tas-swieq Ewropej, li żżomm lill-UE milli tieħu l-vantaġġi tal-ekonomija diġitali f'termini ta' żieda fil-produttività, l-impjiegi u t-tkabbir, l-"Aġenda diġitali għall-Ewropa" għandha l-għan li tirrilaxxa l-potenzjal diġitali u xxerred il-kultura diġitali fl-UE kollha. Inizjalment ġew identifikati 101 azzjoni, miġbura madwar seba' pilastri, sabiex jintlaħaq dan l-objettiv. Wara rieżami tal-inizjattiva li saret f'Diċembru 2012, ġew identifikati seba' azzjonijiet ewlenin ġodda. Huma jenfasizzaw l-aktar l-importanza li titrawwem l-infrastruttura diġitali, li jitjieb l-ambjent regolatorju, li jiġu promossi l-ħiliet u l-impjiegi diġitali u li jiġu implimentati strateġiji ffokati fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, il-cloud computing u l-mikroelettronika.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

L-inizjattiva ewlenija rnexxielha tagħti lill-ekonomija diġitali l-attenzjoni politika meħtieġa. Il-qawwiet ewlenin tagħha jikkonċernaw il-ħolqien ta' qafas għall-azzjoni koerenti u li jħares 'il quddiem. Il-pubblikazzjoni annwali ta' Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali u laqgħa annwali tal-partijiet interessati l-"Assemblea Diġitali" għenu biex jattiraw l-attenzjoni politika u tal-medja. L-"Aġenda diġitali għall-Ewropa" tat ukoll impetu għar-replikazzjoni u l-azzjoni nazzjonali f'20 Stat Membru u għadd ta' reġjuni li stabbilixxew l-aġendi diġitali tagħhom stess.

Inkiseb progress fit-twassil tal-azzjonijiet ippjanati. F'Jannar 2014, aktar minn 90% tal-azzjonijiet previsti fl-inizjattiva ewlenija tlestew jew kienu kważi lesti. L-użu tal-internet issa sar mifrux fl-UE, il-kummerċ elettroniku qed jissaħħaħ, għalkemm l-użu transfruntier tiegħu għadu limitat sa issa, is-servizzi tal-gvern elettroniku ġew żviluppati u l-kopertura broadband bażika fl-UE kollha hija kompluta.

2.2 Tagħlim miksub

Is-suq uniku diġitali għadu ma sarx realtà u huwa meħtieġ aktar investiment fl-infrastruttura b'veloċità għolja. Il-persistenza ta' ostakoli bħall-frammentazzjoni tas-swieq Ewropej, il-lakuni fl-infrastruttura u n-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumaturi għadhom ixekklu t-tlestija tas-suq uniku diġitali. In-nuqqas tal-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja huwa ta' tħassib serju minħabba li jista' jiġġenera distakk diġitali ġdid u jrawwem l-esklużjoni soċjali f'ċerti oqsma, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

L-effiċjenza tal-"Aġenda diġitali għall-Ewropa" ġiet affettwata minn għadd ta' nuqqasijiet. Il-viżibbiltà tal-inizjattiva ewlenija batiet minn nuqqas ta' ffukar minħabba l-għadd kbir ta' miżuri speċifiċi. L-inizjattiva ewlenija lanqas ma setgħet tressaq is-suġġetti dwar it-tekonoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-qalba ta' aġendi ta' riforma strutturali.

INIZJATTIVA EWLENIJA "POLITIKA INDUSTRIJALI GĦALL-ERA TAL-GLOBALIZZAZZJONI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

"Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni" timmira li ttejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea permezz ta' approċċ koordinat. Din l-inizjattiva tenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkombinati l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u s-sostenibbiltà u li jitħeġġu l-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs. L-inizjattiva hija mibnija fuq 70 azzjoni biex tiżdied il-kompetittività industrijali Ewropea, u għandha l-għan li tikseb ambjent li jiffavorixxi aktar in-negozju u li takkumpanja u tappoġġa lill-industrija biex tkun tista' taffaċċa l-isfidi globali ġodda.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

Sar progress notevoli lejn l-implimentazzjoni tal-inizjattiva. 90% tas-70 azzjoni ewlenija identifikati inizjalment fl-inizjattiva tlestew jew inkella għadhom għaddejjin. Il-Komunikazzjonijiet dwar il-Politika Industrijali ppubblikati fl-2010, l-2012 u l-2014 appoġġaw it-traduzzjoni tal-objettivi tal-inizjattiva ewlenija f'politika. Ħafna mill-azzjonijiet tal-inizjattiva huma orjentati lejn l-appoġġ għall-SMEs: is-"Small Business Act" għall-Ewropa ġie rieżaminat, u pjan ta' Azzjoni biex irawwem l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u strateġija li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs ġew adottati fl-2011; ġie ppreżentat pakkett ta' standardizzazzjoni fl-2012 biex l-istabbiliment ta' standards ikun aktar effiċjenti; il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) ġie adottat fl-2013 biex isaħħaħ il-kompetittività u b'Copernicus u Galileo, l-inizjattivi ta' politika dwar l-ispazju jipprovdu dimensjoni ġdida għall-industriji tas-servizzi. Komunikazzjoni biex titħeġġeġ l-intraprenditorija ġiet ippreżentata fl-2012. Azzjonijiet oħra jimmiraw li jtejbu l-ambjent regolatorju għan-negozji, notevolment billi jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni permezz ta' "kontrolli tal-idoneità" regolari u jnaqqsu ż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa biex jitwaqqaf negozju, li jsaħħu u japprofondixxu s-suq uniku bl-adozzjoni tal-Atti dwar is-Suq Uniku I u II fl-2011 u l-2012 u jagħtu spinta lill-innovazzjoni u lill-modernizzazzjoni tal-industrija. Twettqu wkoll għadd ta' inizjattivi speċifiċi għal kull settur.

2.2 Tagħlim miksub

"Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni" adottat approċċ fuq perjodu medju sa twil u għadd ta' linji ta' azzjoni se jieħdu ż-żmien biex jiksbu r-riżultati. L-investimenti tal-baġits nazzjonali fl-infrastrutturi tan-netwerk meħtieġa naqsu, is-suq intern għadu mhux komplut biżżejjed, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs ġew affettwati mill-kriżi u l-progress fl-iżgurar li jkun hemm provvista ta' ħaddiema b'ħiliet adegwati għall-impjiegi industrijali kien kajman. Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet inklużi fl-inizjattiva ewlenija għandhom orizzont ta' bejn tlieta u 10 snin. Minoranza biss minnhom għandhom orjentazzjoni operazzjonali fuq perjodu ta' żmien qasir. Fil-kuntest li l-kriżi ekonomika kellha impatt negattiv qawwi fuq diversi setturi ta' attività industrijali fl-UE, l-azzjonijiet ewlenin kellhom jiġu kkomplimentati b'azzjonijiet fl-oqsma prijoritarji ewlenin, li jistgħu jipproduċu effett fuq perjodu iqsar jew medju.

INIZJATTIVA EWLENIJA "EWROPA EFFIĊJENTI FIR-RIŻORSI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

L-inizjattiva ewlenija "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" tappoġġa l-bidla lejn ekonomija li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u b'użu baxx ta' karbonju. "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" għandha l-għan li tissepara t-tkabbir mill-użu tar-riżorsi u tipprovdi qafas fit-tul għall-inkorporazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi bħala prinċipju ewlieni fit-tfassil tal-politiki, notevolment dwar it-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-trasport, l-industrija, l-iskart u l-materja prima, l-agrikoltura, is-sajd, il-bijodiversità u l-iżvilupp reġjonali. Fid-dawl tal-pressjoni dejjem tiżdied fuq ir-riżorsi naturali u d-dimensjoni internazzjonali ta' din il-kwistjoni, "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" għandha l-għan li tippromwovi użu aktar intelliġenti tar-riżorsi sal-2020, u li tikkonkretizza din il-loġika biex jinkisbu aktar riżultati sal-2050. Għal dan l-għan, din tinkludi sensiela ta' inizjattivi li tnedew mill-2011.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

Firxa ta' azzjonijiet li jinsabu f'"Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" diġà nbdew fil-livell tal-UE. Fost il-miżuri ewlenin koperti mill-inizjattiva, kollha kemm huma diġà tressqu mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, fl-2011 ġie ppreżentat qafas ta politika fit-tul sal-2050. Dan jikkonsisti f'erba' pjanijiet ta' direzzjoni, li huma "Roadmap for moving to a competitive low-carbon economy in 2050"[23], il-White Paper – Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"[24], il-"Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050"[25] u l-"Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi"[26]. Dan il-qafas strateġiku ġie kkumplimentat b'għadd ta' inizjattivi fuq perjodu ta' żmien medju, inkluża strateġija ġdida dwar il-bijodiversità "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020"[27] u "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa"[28] u l-"Programm għall-Arja Nadifa għall-Ewropa"[29] ġdid. Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni, bl-introduzzjoni ta' komponent ta' ekoloġizzazzjoni, u l-Politika Komuni tas-Sajd jirriżultaw ukoll mill-inizjattiva. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq l-azzjonijiet ta' segwitu li tħabbru fil-pjanijiet direzzjonali jew fil-pjanijiet ta' azzjoni mogħtija bħala parti ta' din l-inizjattiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikat aktar il-pjanijiet direzzjonali tal-2050 dwar il-klima u l-enerġija fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" ippreżentata fit-22 ta' Jannar 2014[30].

2.2 Tagħlim miksub

Huwa meħtieġ approċċ aktar komprensiv biex titkejjel l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tkopri ħafna politiki differenti u r-riżorsi relatati. Sett uniku jew limitat ta' indikaturi jkun utli biex jimmonitorja t-titjib fl-użu tar-riżorsi bħall-enerġija, il-materjali, l-art u l-ilma b'mod operazzjonali biex jistimola l-iżvilupp tal-politika. Madankollu, huwa diffiċli li jiġu analizzati l-bidliet fl-użu tar-riżorsi b'mod simplifikat u li jitfassal/jitfasslu indikatur(i) preċiż(i) biżżejjed. Għalhekk għandha titkompla l-ħidma. It-tabella ta' valutazzjoni dwar l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi ppubblikata mill-Eurostat bil-produttività tar-riżorsi bħala l-indikatur ewlieni huwa pass importanti f'din id-direzzjoni. Huwa wkoll meħtieġ monitoraġġ sistematiku ma' indikaturi ewlenin sabiex jiġi evalwat il-progress lejn użu kompetittiv, sikur u sostenibbli tal-enerġija, kif ġie enfasizzat fil-qafas ta' politika tal-2030 dwar il-klima u l-enerġija.

---

[23] COM(2011)112.
[24] COM(2011)144.
[25] COM(2011)885.
[26] COM(2011)571.
[27] COM(2011)244.
[28] COM(2012)673.
[29] COM(2013)918.
[30] COM(2014)15.

INIZJATTIVA EWLENIJA "IL-PJATTAFORMA EWROPEA KONTRA L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI"

1. L-objettiv tal-inizjattiva ewlenija

"Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali" għandha l-għan li tiżgura koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Din l-inizjattiva tibni fuq is-Sena Ewropea 2010 għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u tirsisti biex titqajjem kuxjenza u tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, sabiex ikunu jistgħu jgħixu b'dinjità u jieħdu sehem fis-soċjetà b'mod attiv. L-għan tal-inizjattiva ewlenija kien li tasal għal approċċ integrat fil-ġlieda kontra l-faqar, billi tgħaqqad flimkien politiki varji fil-qasam ekonomiku, fiskali, soċjali jew tas-suq uniku. Din kienet tiddependi wkoll fuq approċċ ta' sħubija bejn is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-Istati Membri. L-inizjattiva identifikat l-impenji għall-Kummissjoni f'ħames oqsma, (i) it-twettiq ta' azzjonijiet fl-ispettru politiku kollu, (ii) l-iżgurar ta' użu akbar u aktar effettiv tal-fondi tal-UE għall-appoġġ tal-inklużjoni soċjali, (iii) il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali bbażata fuq l-evidenza, (iv) il-ħidma fi sħubija u l-isfruttar tal-potenzjal tal-ekonomija soċjali u (v) it-trawwim tal-koordinazzjoni politika mtejba fost l-Istati Membri. B'mod partikolari, "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali" identifikat 64 azzjoni li għandha twettaq il-Kummissjoni.

2. Is-sitwazzjoni fl-2014

2.1 Ir-riżultati tanġibbli u l-impatt

It-twettiq tal-inizjattiva qed isir b'pass mgħaġġel. Il-Kummissjoni ressqet madwar żewġ terzi tal-64 azzjoni. Biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw dawn l-isfidi permezz ta' riformi strutturali fil-kuntest ta' kriżi fit-tul, il-Kummissjoni ħarġet gwida tal-politika fil-forma tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali[31] u r-Rakkomandazzjoni "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ"[32], il-"Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020"[33] u l-White Paper dwar "Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli"[34]. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar kontijiet ta' ħlas. Biex tappoġġa l-imprendituri soċjali u l-ekonomija soċjali, ippubblikat l-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali u stabbiliet Fond ta' Intraprenditorija Soċjali tal-UE. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll prinċipji ta' gwida għat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u nediet indiċi għat-Tixjiħ Attiv. Inizjattiva oħra distinta li twettqet fil-kuntest tal-"Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali" hija l-Konvenzjoni Annwali dwar il-Faqar.

2.2 Tagħlim miksub

Għadd tal-ostakoli fixklu l-effiċjenza sħiħa tal-inizjattiva ewlenija. L-adozzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali ressqet bil-bosta l-enfasi politika u l-isforzi ta' komunikazzjoni 'il bogħod mill-inizjattiva ewlenija. Barra minn hekk, l-inizjattiva ewlenija ma rnexxilhiex toħloq qafas koerenti u integrat għall-politiki soċjali u tuża s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet differenti; hija pjuttost ġabra ta' inizjattivi u l-valur miżjud tal-inizjattiva ewlenija mhuwiex ċar.

---

31 COM(2013)83.
32 2013/112/UE.
33 COM(2011)173.
34 COM(2012)55.